# Il-Ħmistax-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Mur, ħabbar lill-poplu tiegħi.*

Għamos 7, 12-15

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Għamos**

F'dak iż-żmien, [12]Amasija, qassis ta' Betel, qal lil Għamos: «Mur,
bniedem veġġenti, itlaq lejn l-art ta' Ġuda, u ħobżok kulu hemm,
u ħabbar hemm; [13]u tkomplix iżjed tħabbar ġo Betel, għaliex Betel
santwarju tas-sultan, it-tempju tas-saltna.»

[14]Wieġeb imbagħad Għamos u qal lil Amasija:
«Jien m'iniex profeta,
lanqas bin profeta;
jiena biss ragħaj u niżbor il-ġummajż.
[15]Iżda l-Mulej qabadni minn wara l-merħla,
u l-Mulej qalli: Mur, ħabbar lill-poplu tiegħi, Iżrael.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 84 (85), 9ab-10. 11-12. 13-14

R/. (8): Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek,
u s-salvazzjoni tiegħek agħtina

9 Ħa nisma' xi jgħid Alla;
il-Mulej is-sliem ixandar.
10 Qrib hi tassew is-salvazzjoni tiegħu
għal dawk li jibżgħu minnu,
biex jgħammar is-sebħ f'artna. R/.

11 It-tjieba u l-fedeltà jiltaqgħu,
il-ġustizzja u s-sliem jitbewsu.
12 Il-fedeltà mill-art tinbet,
u l-ġustizzja mis-sema tixref. R/.

13 Il-Mulej ukoll jagħti l-ġid tiegħu,
u artna tagħti l-frott tagħha.
14 Il-ġustizzja quddiemu timxi,
u s-sliem fuq il-passi tiegħu. R/.

# Qari II

*Għażilna fih sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.*

Efes 1, 3-14

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin**

3 Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li berikna b'kull xorta ta'
barka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu.

4 Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja,
biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba.

[5]Iddestinana minn qabel li nkunu għalih ulied adottivi
permezz ta' Ġesù Kristu;
hekk għoġob lir-rieda tajba tiegħu,
[6]għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu,
li biha mliena fil-Maħbub tiegħu.

Fih aħna għandna l-fidwa bid-demm tiegħu,
il-maħfra tad-dnubiet,
skont l-għana tal-grazzja tiegħu.
[8]Biha fawwarna fl-għerf u l-għaqal kollu.
[9]Hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu;
il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel,
[10]u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet;
jiġifieri, li kollox jinġabar taħt Ras waħda, li hu Kristu,
kulma hu fis-sema u kulma hu fl-art.

[11]Fih aħna wkoll konna magħżula,
iddestinati minn qabel, skont il-pjan imfassal
minn qabel minn min imexxi kollox skont il-fehma tar-rieda tiegħu,
[12]sabiex inkunu għat-tifħir tal-glorja tiegħu,
aħna, li, sa minn qabel, konna nittamaw fi Kristu.
[13]U fih intom ukoll smajtu l-Kelma tal-Verità,
l-Evanġelju tas-salvazzjoni tagħkom, u emmintu fiha.
Kontu ssiġillati bl-Ispirtu s-Santu li kien imwiegħed;
[14]li hu r-rahan tal-wirt tagħna
sakemm għadna nistennew il-fidwa sħiħa
tal-Poplu li Alla kiseb għalih, għat-tifħir tal-glorja tiegħu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

*Jew il-forma l-qasira*

# Qari II

***Għażilna fih sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.***

Efes 1, 3-10

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin**

3 Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li berikna b'kull xorta ta'
barka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu.

4 Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja,
biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba.
5 Iddestinana minn qabel li nkunu għalih ulied adottivi
permezz ta' Ġesù Kristu;
hekk għoġob lir-rieda tajba tiegħu,
6 għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu,
li biha mliena fil-Maħbub tiegħu.

Fih aħna għandna l-fidwa bid-demm tiegħu,
il-maħfra tad-dnubiet,
skont l-għana tal-grazzja tiegħu.
8 Biha fawwarna fl-għerf u l-għaqal kollu.
9 Hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu;
il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel,
10 u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet;
jiġifieri, li kollox jinġabar taħt Ras waħda, li hu Kristu,
kulma hu fis-sema u kulma hu fl-art.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Efes 1, 17-18

Hallelujah. R/. Hallelujah
Alla ta' Sidna Ġesù Kristu
idawwal l-għajnejn ta' qalbna
biex nagħrfu x'inhi t-tama tas-sejħa tagħna.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Il-missjoni tal-appostli.***

Mk 6, 7-13

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark**

F'dak iż-żmien, Ġesù [7]sejjaħ it-Tnax, u beda jibgħathom tnejn tnejn,
filwaqt li tahom is-setgħa fuq l-ispirti ħżiena. [8]U wissiehom biex ma
jieħdu xejn magħhom għat-triq ħlief ħatar: la ħobż, la ħorġa, lanqas
flus fi ħżiemhom; [9]imma li jilbsu l-qrieq u ma jxiddux żewġ ilbiesi.

[10]Qalilhom: «Fejn tidħlu f'xi dar, ibqgħu fiha sa ma titilqu minn
hemmhekk. [11]U jekk xi post ma jilqagħkomx u ma jisimgħukomx,
itilqu minn hemm u farfru t-trab minn taħt saqajkom bħala xhieda
kontrihom.»

[12]Ħarġu mela jxandru biex in-nies jindmu; [13]u keċċew bosta xjaten, u
dilku ħafna morda biż-żejt u fejquhom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu